**13 ta' Frar, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Innocenzo Debattista et.

*versus*

Giovanni Farrugia

**Komunjoni tal-Akkwisti — Mara — Beni Parafernali — Amministrazzjoni — Lokazzjoni — Illeġittimità tal-Persuna — Art. 1375 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-frutti tal-beni parafernali tal-mara jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti; u għalhekk l-amministrazzjoni tal-fondi li jirrendu dawk il-frutti tmiss lir-raġel. Għalhekk ukoll, l-azzjonijiet li huma ntiżi biss biex jikkonservaw u jissalvagwardaw id-drittijiet li jiġu minn dawk il-beni minn rapporti personali ta' lokazzjoni, u rigwardanti d-dgawdija ta' dawk il-fondi, imissu lir-raġel, u ma jappartjenux lill-mara, sija jekk hija taġixxi dwarhom weħedha, sija jekk taġixxi bl-assistenza ta' żewġha.*

*Il-fatt li r-raġel jaġixxi flimkien u in unjoni ma' martu jimporta fih innifsu l-awtorizzazzjoni tar-raġel lill-martu biex taġixxi u l-assistenza tiegħu lilha f'dik l-azzjoni.*

*Meta r-raġel jaġixxi bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur leġittimu tal-beni ta' martu, ma għandux*

*bżonn neċessarjament jiddeklina fl-att taċ-ċitazzjoni din il-kwalità tiegħu; u dik l-indikazzjoni mhix talment neċessarja illi n-nuqqas tagħha jimporta l-illeġittimità tal-persuna tiegħu. Għax ir-raġel ma jkunx qiegħed jidher fil-kawża in rappreżentanza ta' martu, imma fl-interess tiegħu nnifsu; u l-azzjoni hija tiegħu, u mhux ta' martu.*

*Għalkemm f'dawn il-każijiet ħafna drabi jingħad fiċ-ċitazzjoni li r-raġel qiegħed jaġixxi bħala kap tal-komunjoni, dan "stricto jure" lanqas ma hu neċessarju; għaliex wieħed juri l-kwalità tiegħu li fiha qiegħed jaġixxi meta l-kreditu ma jkunx tiegħu stess, sija pure bħala kap tal-komunjoni.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza preċedenti tagħha tal-4 ta' Diċembru 1957, fejn jinsabu rijassunti ċ-ċitazzjoni tal-atturi u l-eċċezzjoni tal-konvenut, u li biha ġiet revokata s-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-26 ta' Ġunju 1957, li kienet laqgħet l-eċċezzjoni tal-inkompetenza sollevata mill-konvenut u ġie minflok dikjarat li dik il-Qorti kienet kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża, u ordnat li għal l-effett l-atti jiġu rinvijati lil dik il-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Frar 1958, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-ġudikat, sollevata wkoll mill-konvenut;

Rat is-sentenza l-oħra tal-istess Qorti tas-16 ta' Ottubru 1958, li biha ġiet milqugħa, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet magħmulin fiha, l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens illi l-fond in kwistjoni jappartjeni lill-attriċi Francesca Debattista, u għalhekk din kellha tkun assistita minn żewġha bħala kap tal-komunjoni u bħala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u għalhekk l-istess konvenut ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, l-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi, li kienu għad mhux deċiżi, kompriż id-dritt tar-Reġistru relattiv, jitħallsu mill-kontendenti bin-nofs; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-attur jispjega din l-eċċezzjoni b'dan il-mod. Kif ġie verbalizzat fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 1958, il-fond indikat fiċ-ċitazzjoni jappartjeni lil-attriċi Francesca Debattista, u kwindi l-kawża kien messha ġiet biss intentata

minnha bl-assistenza ta' żewġha; liema assistenza kienet dejjem meħtieġa lill-attriċi, bħala mara miżżewġa, fi kwalunkwe kwalità li hija ntavolat il-kawża; u l-attriċi ma jirriżultax li hi hekk assistita mill-attur żewġha. Jekk mbagħad l-azzjoni setgħet tiġi ntentata mill-attur, l-attriċi ma kellhiex għalfejn tkun parti fil-kawża, u l-attur seta' jintavola l-azzjoni waħdu bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni ta' martu; u ma jirriżultax li huwa qiegħed jaġixxi f'dawn il-kwalitajiet;

Ikkunsidrat, dwar din l-eċċezzjoni;

Illi jinsab stabbilit li l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni hu ġid parafernali tal-attriċi, u kwindi din, bħala sid dan il-fond, għandha dejjem l-interess, almenu, li tkun parti f'din il-kawża. Skond il-liġi, il-mara miżżewġa ma tistax tkun attriċi mingħajr l-awtorizzazzjoni jew l-assistenza ta' żewġha (art. 782 (b) Kap. 15). Fil-każ taħt konsiderazzjoni, l-attur qiegħed jaġixxi flimkien ma' martu, l-attriċi; u f'dan is-sens, b'analoġija għal dak li rriteniet din il-Qorti fit-3 ta' Diċembru 1935 in re "Cassar vs. Attard Muscat" (Vol. XXIX-II-823), jista' għalhekk jingħad li, stante l-unjoni tiegħu bħala attur magħha, l-attriċi qegħdha taġixxi bl-assistenza tiegħu. Għalhekk f'dan ir-rigward il-pregudizzjali sollevata mill-konvenut, ċjoè fil-konfront tal-attriċi, ma treġix, u tiġi għalhekk respinta;

Illi, biex jerġa jingħad, jinsab stabbilit li l-fond indikat fiċ-ċitazzjoni hu ġid parafernali tal-attriċi. Ġie wkoll stabbilit li r-renta ta' dan il-fond tidħol fil-komunjoni tal-akkwisti bejn l-atturi miżżewġin Debattista. Infatti jirriżulta li l-istess fond ġie mikri lill-konvenut minn ħaten l-attur, ċjoè missier l-attriċi, qabel ma din iżżewġet lill-attur, u wara l-mewt ta' missier l-attriċi l-fond għadda b'wirt għand din l-aħħar fi żmien iż-żwieġ tagħha mal-attur, li beda minn dak iż-żmien, u baqa' sal-lum, jamministrah, evidentement bħala mandatarju ta' martu, u jidher bħala lokatur tiegħu di fronti għall-konvenut, inkwilin tal-istess fond. Għalhekk, l-amministrazzjoni tal-fond imsemmi, skond il-prinċipji enunċjati mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-22 ta' Marzu 1943, in re "Sammut vs. Cilia" (Vol. XXXI-I-302), tmiss lill-attur, mhux kif jgħid il-konvenut, li tmiss lill-

attriċi; *u l-attur għandu dritt jaġixxi huwa in konnessjoni ma' din il-kawża*;

Illi però, kif irriteniet l-istess Onorabbli Qorti fis-sentenza tat-8 ta' Marzu 1928, in re "Mallia Tabone vs. Azzopardi" (Vol. XXVII-I-994), għalkemm din l-azzjoni tmiss lir-raġel, biex jintavolaha huwa għandu jindika l-kwalità li fiha huwa qiegħed jaġixxi, ċjoè bħala amministratur tal-beni tal-mara u kap tal-komunjoni, u mhux ma jindika ebda kwalità; għaliex ir-redditi tal-beni parafernali huma dawk *biss li jaqgħu fil-komunjoni, iżda l-fond jibqa' tal-mara*, u r-raġel in forza tal-liġi hu l-amministratur leġittimu. Għalhekk, f'dan ir-rigward il-preġudizzjali sollevata mill-konvenut, ċjoè fil-konfront tal-attur, hi sostnuta; għaliex f'din il-kawża l-attur jidher li qiegħed jaġixxi biss f'ismu proprju, jew almenu biex jassisti lill-martu;

Illi hu veru li skond il-liġi (art. 175(1) Kap. 15) il-Qorti tista', f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tordna jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, jew billi fihom jiżdied jew *jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed* ieħor f'loku, inkellha billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew żball ieħor, jew billi jiġu mdaħħla ħwejjeġ oħra dwar il-fatt jew il-liġi; liema korrezzjonijiet jistgħu jsiru mill-Qorti "ex officio" jew fuq talba ta' waħda mill-partijiet; basta li ebda tibdil bħal dan ma jkun ibiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni. Fil-każ taħt konsiderazzjoni, l-attur ma talabx li tiġi permessa din il-korrezzjoni; din il-Qorti, mbgħad, ma jidhrilhiex li għandna tordna l-istess korrezzjoni, għar-raġuni illi f'dan *il-każ ma jittrattax minn żball jew minn żieda ta' isem jew* minn sostituzzjoni fil-kwalità ta' waħda mill-partijiet, imma jittratta minn żieda ta' persuna oħra bħala parti fil-kawża li l-preżenza tagħha hi, u kienet mill-bidu, assolutament meħtieġa għall-integrità tal-ġudizzju; u għalhekk din iż-żieda tiġi tbiddel l-azzjoni fis-sustanza tagħha, apparti li tivvulnera wkoll l-eċċezzjoni tal-konvenut. Infatti, l-attur nissel ir-rapporti tiegħu ġuridiċi mal-konvenut, rapporti li jiffurmaw il-bażi tal-pretensjoni fil-kwistjoni, fi kwalità diversa minn dik li huwa assuma bl-azzjoni preżenti. Mbgħad, *ġie ritenut mit-tribunali tagħna li ma hix ammissibbli l-korrezzjoni* ta' żball fi skrittura wara l-allegazzjoni tal-eċċez-

zjoni (Vol. III, 589; V, 251; IX, 658); u f'dan il-każ din il-kwistjoni tal-korrezzjoni, kieku kellha ssir, inqalgħet wara l-eċċezzjoni analoga li ssolleva l-konvenut;

Rat in-nota tal-atturi li biha appellaw minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li dik is-sentenza tiġi revokata, billi tiġi miċħuda l-eċċezzjoni fuq imsemmija tal-konvenut, u tiġi riformata in kwantu għall-ispejjeż, billi tiġi konfermata fejn waħħlet nofs l-ispejjeż lill-konvenut u revokata in kwantu l-atturi ġew kundannati jħallsu n-nofs l-ieħor tal-ispejjeż; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Ma hemmx kwistjoni bejn il-partijiet illi l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni hu parafernali tal-attriċi* Francesca Debattista, provenjenti lilha mill-wirt ta' missierha. Lanqas ma hu kuntrastat illi bejn dik l-attriċi u l-attur Innocenzo Debattista żewġha, teżisti l-komunijoni tal-akkwisti kif regolata mil-liġi, u li l-frutti ta' dak il-fond jidħlu fl-akkwisti. Għalhekk hu ċar illi l-amministrazzjoni tal-istess fond tmiss, skond il-liġi, lill-istess attur (art. 1375 Kod. Ċiv.);

Ma *jidherx li jista' jkun hemm dubju illi l-meritu tal-kawża preżenti jidħol fil-limiti ta' dik l-amministrazzjoni.* It-talbiet tal-attriċi ma jolqtux il-proprjetà ta' dak il-fond, iżda huma ntiżi biss biex jikkonservaw u jissalvagwardaw id-drittijiet li jiġu minn dik il-proprjetà, naxxenti minn rapporti personali ta' lokazzjoni (ara Vol. XXXVIII-I-369), u rigwardanti d-dgawdija tal-fond, li matul iż-żwieġ tmiss lill-attur bħala l-kap tal-komunjoni;

Tajjeb, għalhekk, irriteniet l-Ewwel Qorti illi l-azzjoni preżenti ma kienetx tappartjeni lill-attriċi, weħedha jew assistita *mill-attur żewġha (għad illi hi kellha nteress ukoll,* u setgħet għalhekk, tidher fil-kawża); iżda kienet tappartjeni lill-attur, li kellu d-dritt jaġixxi (ara, oltre s-sentenza ċitata mill-Ewwel Qorti, anki s-sentenza fuq imsemmija);

Jidher ċar, anki minn sempliċi ħaqqa ta' għajn lejn iċ-ċitazzjoni, illi l-attur Innocenzo Debattista ma hux qiegħed jidher biss biex jawtorizza jew jassisti lill-attriċi martu, iżda qiegħed jidher għall-interess veru u legali tiegħu stess. Waqt illi l-fatt li l-attur qiegħed jaġixxi flimkien u in unjoni mal-attriċi martu minnu nnifsu jimporta, kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, l-awtorizzazzjoni u l-assistenza tiegħu lill-martu, li hi għandha bżonn biex taġixxi għall-interess li għandha, dak il-fatt ma għandux joskura l-verità li Innocenzo Debattista, investit mil-liġi bl-amministrazzjoni u d-dgawdija tal-fond bħala kap tal-komunjoni, qiegħed jidher bħala attur għalieh f'azzjoni li, kif ġa ntqal u kif żammet l-Ewwel Qorti, tmiss direttament u prinċipalment lilu;

L-Ewwel Qorti, però, irriteniet illi Innocenzo Debattista kien obligat jindika l-kwalità li fiha qiegħed jaġixxi, ċjoè bħala amministratur tal-beni ta' martu u kap tal-komunjoni; u billi dan ma għamlux, u l-Qorti ma deħrilhiex li kellha "ex officio" tordna l-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni, l-istess Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut fuq dak il-punt u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju;

Issa, huwa veru illi bis-sentenza ċitata mill-Ewwel Qorti (App. Inf. "Mallia Tabone vs. Azzopardi", Vol. XXVII-I-994) ġie ritenut illi r-raġel, meta jaġixxi dwar beni parafernali tal-mara, ma jistax jidher "in nome proprio" mingħajr ma jiddeklina l-kwalità tiegħu ta' leġittimu amministratur tal-beni ta' martu. Dik is-sentenza ġiet segwita minn din il-Qorti fl-appell "Sammut vs. Cilia" (Vol. XXXI-I-302). Il-motivazzjoni tal-Ewwel sentenza hi mpernjata fuq dak li hu issa l-inċiż (c) tal-art. 782 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15 E.R.), li jiddisponi illi:— "Il-persuni furjużi jew moħħom marid, u kull persuna oħra li ma jkollhiex l-eżerċizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawża, mhumiex kapaċi biex joqgħodu fil-kawża bħala atturi jew bħala konvenuti, ħlief fil-persuna ta' dak li skond il-liġi jkollu f'idejh dik l-amministrazzjoni, jew ta' kuratur 'ad litem' ";

Din il-Qorti, wara li pponderat fit-tul fuq din il-kwistjoni, ma tħossx li tista' tapplika l-istess soluzzjoni b'mod

li tirritjeni illi l-indikazzjoni tal-kwalità fuq imsemmija fl-attur kienet talment essenzjali li n-nuqqas tagħha jimporta l-illeġittimità tal-persuna ta' Innocenzo Debattista, jew xort'oħra l-irritwalità taċ-ċitazzjoni;

L-ewwelnett, il-Qorti taħseb illi l-imsemmi inċiż (c) tal-art. 782 huwa applikabbli meta attur jew konvenut tkun "il-persuna legalment inkapaċi" stess, u l-eċċezzjoni tkun diretta kontra "tagħha". Fil-każ preżenti, inveċe, l-eċċezzjoni tal-konvenut, in kwantu kienet mogħtija fil-konfront tal-"attriċi" (ċjoè l-persuna "ex hypothesi" inkapaċi), ġiet respinta, u l-kwistjoni quddiem din il-Qorti tirrigwarda biss l-eċċezzjoni tal-konvenut kontra l-attur;

Ga ġie ribadit aktar il-fuq illi t-talbiet kontenuti fiċ-ċitazzjoni jaqgħu kollha fil-limiti tas-sempliċi amministrazzjoni. Għad illi huma riferibbli għall-fond parafernali tal-attriċi, huma ma jirrigwardawx drittijiet reali fuqu jew drittijiet oħra li jeżorbitaw mill-amministrazzjoni, iżda jirrigwardaw biss rapporti personali ta' lokazzjoni u dgawdija tal-fond li, bil-liġi, huma nvestiti fir-raġel bħala kap tal-komunjoni. Minn dan jiġi, kif ukoll ġa ġie aċċennat, illi l-attur Innocenzo Debattista mhux qed jidher fil-kawża in rappreżentanza ta' martu, imma qed jidher fl-interess tiegħu nnifsu. L-azzjoni mhix tal-attriċi martu (kif sewwa rriteniet l-istess sentenza appellata), iżda "tiegħu". Għalhekk, dan ma jistax ikun każ ta' illeġittimità tal-persuna tal-attur. Dan (kuntrarjament għal dak li jingħad fis-sentenza appellata), in kwantu hu kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur leġittimu tal-beni parafernali, mhux ġuridikament "persuna oħra", ċjoè diversa mill-attur f'ismu stess, għaliex dawk il-kwalitajiet huma bil-liġi stess inerenti fih innifsu. Peress illi, jerġa jiġi ripetut, il-kawża preżenti hi biss dwar amministrazzjoni ta' fond parafernali, u din tmiss lir-raġel bħala l-kap tal-komunjoni, il-Qorti jidhrilha li jista' jgħodd għall-każ dak li qalet din il-Qorti fl-Appell Inferjuri "Vassallo vs. Pirotta" (Vol. XXXIII-I-837), għad li f'dak il-każ il-kwistjoni kienet tirrigwarda kreditu tal-komunjoni:— "L-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tista' skond il-liġi (art. 781 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) tingħata biss meta l-attur jew konvenut mhuwiex kapaċi skond il-liġi biex joqgħod f'kawża, jew in-

kella wieħed jidher għan-nom ta' ħadd ieħor mingħajr ma huwa awtorizzat skond il-liġi għal dan il-fini . . ." Issa, f'din il-kawża la l-wieħed u lanqas l-ieħor minn dawn il-każijiet ma javvera ruħu; mhux l-ewwel wieħed, għax ma hemm ebda *kuntrast illi l-attur mhux persuna kapaċi skond il-liġi*; mhux it-tieni wieħed, għaliex il-kreditu mhuwiex ta' martu, imma huwa tal-komunjoni tal-akkwisti, li hija tiegħu waqt iż-żwieġ, għaliex "vivit uti dominus", u allura huwa mhux qed jidher għal ħadd, imma għal kreditu tiegħu. U għalhekk, għalkemm f'dawn il-każijiet ħafna drabi jingħad *illi r-raġel qiegħed jidher bħala kap tal-komunjoni*, dan "stricto jure" lanqas ma hu neċessarju, għaliex wieħed juri l-kwalità tiegħu li biha qiegħed jaġixxi meta l-kreditu ma jkunx tiegħu stess, sija pure bħala kap tal-komunjoni (ara wkoll Kollez. Vol. XXXIII-I-488);

Hekk, kif, skond dan ir-raġunament, l-attur fil-każ *preżenti ma kienx ikollu bżonn li jindika l-kwalità tiegħu* ta' amministratur tal-beni ta' martu u kap tal-komunjoni kieku l-azzjoni kienet, per eżempju, għall-ħlas tal-kera tal-fond (li kien ikun kreditu tal-komunjoni), ma jidherx li hu kellu bżonn jindika dik il-kwalità, taħt piena ta' nullità tal-proċediment, meta l-azzjoni hi l-istess dwar att ta' sempliċi amministrazzjoni, li tmiss lilu wkoll bħala kap tal-komunjoni;

Apparti dan kollu, fil-każ preżenti hemm anki fattezzi speċjali li minħabba fihom ukoll l-eċċezzjoni tal-konvenut ma jistħoqqhiliex li tiġi akkolta;

L-ewwelnett, l-attur *Innocenzo Debattista qiegħed* jaġixxi "flimkien u in unjoni" ma' martu. Dan jirrispekkja l-interess komuni derivanti lill-attriċi mill-fatt li hi l-proprjetarja tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u lill-attur mill-fatt li hu l-amministratur ta' dak il-fond u għandu d-dgawdija tal-frutti tiegħu; din hi ċirkustanza li ma kienetx tirrikorri fiż-żewġ preċedenti fuq imsemmija;

Hemm ukoll ċirkustanza oħra. Din preżenti mhix l-ewwel kawża għal żgumbrament bejn l-attur Innocenzo Debattista u l-konvenut dwar l-istess post. Kif jidher mid-dokumenti fol. 20 u 21, l-istess attur, u "f'ismu proprju",

aġixxa darbtejn qabel kontra l-istess konvenut bla ma dan qanqal ebda kwistjoni. Jirriżulta mbgħad mill-ktieb tar-riċevuti eżibit mill-konvenut bin-nota tiegħu tad-29 ta' Jannar 1959 illi l-kera, almenu sa mill-1952, tħallas dejjem lill-attur, li kien jirċevieh f'ismu proprju;

Għalhekk, fuq l-iskorta ta' dak li rriteniet din il-Qorti fl-Appell Inferjuri "Louis Salerno vs. Agatha Vella" (Vol. XXXVIII, p. 373), kwalunkwe diffikultà li seta' kien hemm minħabba li l-attur f'din il-kawża ma ddeklinax il-kwalità tiegħu ta' amministratur tal-beni ta' martu hi eliminata bil-fatt illi l-konvenut ħoloq rapporti mal-istess attur "nomine proprio";

Jista' wkoll jiġi osservat illi fil-kawża "Mallia Tabone vs. Azzopardi", fuq ċitata, kien hemm ċirkustanza speċjali, rilevata mill-Qorti fis-sentenza, illi l-lokazzjoni lill-konvenut kienet saret mir-raġel (attur) espressament fil-kwalità tiegħu ta' leġittimu amministratur tal-beni ta' martu, u għalhekk ir-rapporti li kien ikkuntratta mal-konvenut kienu f'dik il-kwalità. Din iċ-ċirkustanza ma teżistix fil-każ preżenti;

In vista' ta' dan, ma hux il-każ li l-Qorti tidħol fil-kwistjoni, sollevata wkoll fil-petizzjoni tal-appellanti, dwar jekk setgħetx jew kellhiex tiġi ordnata l-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba, din il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut u lliberat lill-istess mill-osservanza tal-ġudizzju; u wara li rat l-artikolu 231(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili, tibgħat lura l-kawża lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni ulterjuri tagħha;

L-ispejjeż, tal-ewwel istanza, u dawk tal-appell, jitħallsu mill-konvenut.